# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li taħtar membru supplenti Spanjol fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/33/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur GÓMEZ-REINO LECOQ sar vakanti post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Elsa CASAS CABELLO, Comisionada de Acción Exterior, Comunidad Autónoma de Canarias, hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. COSTA

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.